# Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla)

15 ta' Settembru 2022*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali – Direttiva (UE) 2016/343 – Tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni ta' innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess kontra tiegħu fil-kuntest ta' proċeduri kriminali – Artikolu 8(1) – Dritt ta' persuna akkużata li tkun preżenti waqt il-proċess kontra tagħha – Smigħ ta' xhud tal-prosekuzzjoni fl-assenza tal-persuna akkużata – Possibbiltà li l-ksur ta' dritt jiġi rrimedjat fi stadju sussegwenti tal-proċedura – Smigħ addizzjonali tal-istess xhud – Direttiva 2013/48/UE – Dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fil-kuntest ta' proċeduri kriminali – Artikolu 3(1) – Smigħ ta' xhud tal-prosekuzzjoni fl-assenza tal-avukat tal-persuna akkużata"

Fil-Kawża C-347/21,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-iSpetsializiran nakazatelen sad (il-Qorti Kriminali Speċjalizzata, il-Bulgarija), permezz ta' deċiżjoni tat-3 ta' Ġunju 2021, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-4 ta' Ġunju 2021, fil-proċeduri kriminali kontra

**DD,**

fil-preżenza ta':

**Spetsializirana prokuratura,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla),

komposta minn N. Jääskinen, President tal-Awla, M. Safjan (Relatur) u M. Gavalec, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: A. M. Collins,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal DD, minn V. Vasilev, advokat,

– għall-Gvern Ċek, minn M. Smolek u J. Vláčil, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru.

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn M. Wasmeier u I. Zaloguin, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema’ l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata’ mingħajr konklużjonijiet

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 8(1) tad-Direttiva (UE) 2016/343 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta’ Marzu 2016 dwar it-tisħiħ ta’ ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali (ĠU 2016, L 65, p. 1), kif ukoll tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta’ Ottubru 2013 dwar id-dritt ta’ aċċess għas-servizzi ta’ avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta’ mandat ta’ arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma’ partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà (ĠU 2013, L 294, p. 1).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta’ proċeduri kriminali mressqa kontra DD għal reati relatati mal-immigrazzjoni illegali.

### Il-kuntest ġuridiku

#### *Id-dritt tal-Unjoni*

*Id-Direttiva 2013/48*

3 Il-premessa 54 tad-Direttiva 2013/48 hija fformulata kif ġej:

“Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi. L-Istati Membri jistgħu jestendu d-drittijiet stabbiliti f’din id-Direttiva bil-għan li jipprovdu livell ogħla ta’ protezzjoni. […]”

4 L-Artikolu 1 ta’ din id-direttiva, bit-titolu “Suġġett”, jipprovdi:

“Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi dwar id-drittijiet tal-persuni suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali […] li jkollhom aċċess għas-servizzi ta’ avukat, id-dritt li tiġi infurmata parti terza biċ-ċaħda tal-libertà, u d-dritt għal komunikazzjoni ma’ partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari matul iċ-ċaħda tal-libertà.”

5 L-Artikolu 3 tal-imsemmija direttiva, bit-titolu “Id-dritt ta’ aċċess għas-servizzi ta’ avukat fi proċedimenti kriminali”, jipprevedi:

“1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni suspettati u akkużati jkollhom id-dritt ta’ aċċess għas-servizzi ta’ avukat f’ħin u b’mod li l-persuni konċernati jkunu jistgħu jeżerċitaw d-drittijiet tagħhom ta’ difiża b’mod prattiku u b’mod effettiv.

[…]

3. Id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat għandu jimplika dan li ġej:

[…]

(c) għandhom, minn tal-inqas, ikollhom id-dritt li l-avukat tagħhom jattendi għall-avvenimenti investigattivi jew l-attita' ġbir ta' provi li ġejjin,fejn dawk l-atti huma previsti fil-liġi nazzjonali u jekk il-persuna suspettata jew akkużata hija meħtieġa jew permessa li tattendi l-att konċernat:
(i) ringieli ta' persuni għall-identifikazzjoni;
(ii) konfrontazzjonijiet;
(iii) rikostruzzjonijiet sperimentali tax-xena tar-reat kriminali.

[…]"

*Id-Direttiva 2016/343*

6 Il-premessi 33 u 47 tad-Direttiva 2016/343 jipprovdu:

"(33) Id-dritt għal proċess ġust huwa wieħed mill-prinċipji bażiċi f'soċjetà demokratika. Id-dritt ta' persuni suspettati u akkużati li jkunu preżenti waqt il-proċess huwa bbażat fuq dak id-dritt u għandu jiġi żgurat fl-Unjoni kollha.

[…]

(47) Din id-Direttiva ssostni d-drittijiet u l-prinċipji fundamentali li jinsabu fil-Karta u fil-KEDB, inklużi l-projbizzjoni tat-tortura u ta' trattament inuman jew degradanti, id-dritt għal-libertà u għas-sigurtà, ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, id-dritt għall-integrità tal-persuna, id-drittijiet tat-tfal, l-integrazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà, id-dritt għal rimedju effettiv u d-dritt għal proċess ġust, il-preżunzjoni tal-innoċenza u d-drittijiet tad-difiża. […]"

7 L-Artikolu 8 ta' din id-direttiva, bit-titolu "Id-dritt li persuna tkun preżenti waqt il-proċess", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni suspettati jew akkużati jkollhom id-dritt li jkunu preżenti fil- proċess tagħhom."

***Id-dritt Bulgaru***

8 L-Artikolu 55 tan-nakazatelno-protsesualen kodeks (il-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali, iktar 'il quddiem in-"NPK") jipprevedi:

"Il-persuna akkużata għandha tgawdi d-drittijiet li ġejjin:

[…]

li tipparteċipa fil-proċeduri kriminali

[…]

li jkollha avukat."

9 Skont il-punt 8 tal-Artikolu 94(1) tan-NPK, meta kawża tinqata' fl-assenza tal-persuna akkużata, huwa obbligatorju li d-difiża ta' din il-persuna tkun żgurata minn avukat.

10 L-Artikolu 99 tan-NPK jipprevedi:

"L-avukat għandu jgawdi d-drittijiet li ġejjin:

[...]

li jipparteċipa fil-proċeduri kriminali. [...]"

11 Skont l-Artikolu 269(3) tan-NPK, kawża tista' tiġi deċiża fl-assenza tal-persuna akkużata biss jekk din tal-aħħar ma tkunx tista' tinstab jew jekk hija tkun ġiet informata dwar il-possibbiltà li l-proċeduri jitmexxew fl-assenza tagħha.

12 L-Artikolu 271(2) tan-NPK jipprovdi:

"Is-seduta għandha tiġi ddifferita għal data sussegwenti jekk il-persuni li ġejjin ma jidhrux:

[...]

2. il-persuna akkużata [...]

3. l-avukat [...]"

13 Skont l-Artikolu 348(3) tan-NPK:

"Il-ksur tar-regoli proċedurali ikun sostanzjali:

1. jekk dan ikun wassal għal limitazzjoni tad-drittijiet proċedurali tal-partijiet u li ma tkunx ġiet irrimedjata;

[...]"

**Il-proċedura fil-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

14 DD, uffiċjal tal-pulizija fil-fruntieri tal-ajruport ta' Sofija (il-Bulgarija), huwa s-suġġett, flimkien ma' persuni oħra, ta' proċeduri kriminali għal reati relatati mal-immigrazzjoni illegali quddiem il-qorti tar-rinviju, l-iSpetsializiran nakazatelen sad (il-Qorti Kriminali Speċjalizzata, il-Bulgarija).

15 Waqt l-ewwel seduta li nżammet quddiem il-qorti tar-rinviju, fil-15 ta' Ottubru 2020, DD deher flimkien mal-avukat tiegħu, VV. Waqt din is-seduta, instema', b'mod partikolari, ix-xhud anonimu Nru 263, li seta' jiġi eżaminat minn VV. It-tkomplija ta' dan is-smigħ ġiet iffissata għat-30 ta' Novembru 2020.

16 Fis-27 ta' Novembru 2020, VV talab l-aġġornament tas-seduta prevista u d-differiment tal-kawża għal data sussegwenti minħabba li huwa kien għadu ma rkuprax wara li kien marad bil-COVID-19.

17 Waqt is-seduta tat-30 ta' Novembru 2020, DD talab id-differiment tal-kawża għal data sussegwenti minħabba l-assenza tal-avukat tiegħu, VV. Il-qorti tar-rinviju madankollu pproċediet bis-smigħ tax-xhud anonimu Nru 263, filwaqt li rrikonoxxiet li dan kien jikkostitwixxi ksur tad-dritt ta' DD li jkun irrappreżentat minn avukat kif ukoll tad-dritt ta' VV li jkun preżenti u li jipparteċipa fil-proċeduri. Madankollu, filwaqt li rreferiet għas-sentenza tat-13 ta' Frar 2020, Spetsializirana prokuratura (Seduta fl-assenza tal-persuna akkużata) (C-688/18, EU:C:2020:94), dik il-qorti qieset li dan jista' jiġi rrimedjat billi tipproċedi għal smigħ ġdid tax-xhud anonimu Nru 263 waqt is-seduta sussegwenti, prevista fit-18 ta' Diċembru 2020, sabiex VV ikun jista' jagħmel il-mistoqsijiet tiegħu. Il-partijiet preżenti waqt is-seduta tat-30 ta' Novembru 2020 għamlu l-mistoqsijiet tagħhom lill-imsemmi xhud. Sussegwentement, kopja tal-proċess verbal ta' dan is-smigħ intbagħtet lil VV.

18 Fl-4, fl-10 u fil-15 ta' Diċembru 2020, VV ippreżenta dokumenti li jixhdu l-problemi ta' saħħa tiegħu kif ukoll il-fatt li DD kien marid bil-COVID-19, u talab darbtejn id-differiment tal-kawża għal data sussegwenti.

19 Waqt is-seduta sussegwenti, li madankollu nżammet fit-18 ta' Diċembru 2020, fl-assenza ta' DD u ta' VV, il-qorti tar-rinviju eżaminat ix-xhud YAR, li x-xhieda tiegħu kienet rilevanti għall-finijiet tal-proċeduri ta' DD, filwaqt li osservat mill-ġdid li kienet ser tingħata l-opportunità lil DD u lil VV li jeżaminawh waqt is-seduta sussegwenti. Kopja tal-proċess verbal ta' dan is-smigħ intbagħtet lil DD u lil VV.

20 Inżammet seduta fil-11 ta' Jannar 2021, li għaliha dehru DD u VV. F'din l-okkażjoni, VV ikkontesta d-deċiżjoni tal-qorti tar-rinviju li żżomm is-seduti tat-30 ta' Novembru 2020 u tat-18 ta' Diċembru 2020, billi invoka ksur tad-drittijiet tad-difiża. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju qieset b'mod partikolari li għalkemm iż-żamma tal-imsemmija seduti kienet wasslet għal ksur tad-dritt ta' DD u ta' VV li jkunu preżenti personalment, dan seta' jiġi rrimedjat permezz ta' smigħ ġdid tax-xhieda kkonċernati.

21 Waqt seduta li nżammet fit-22 ta' Frar 2021, DD u VV kellhom l-opportunità li jeżaminaw lix-xhud anonimu Nru 263 kif ukoll lix-xhud YAR. F'din l-okkażjoni, DD ma għamel ebda mistoqsija, filwaqt li VV għamel mistoqsijiet biss lix-xhud YAR u ddikjara li ma kellux mistoqsijiet għax-xhud anonimu Nru 263.

22 Il-qorti tar-rinviju tosserva li, taħt id-dritt nazzjonali, ikun hemm ksur tad-dritt tal-persuna akkużata li tkun preżenti waqt il-proċess kontra tagħha u li jkollha aċċess għas-servizzi ta' avukat, meta jinġabru provi, b'mod partikolari, permezz tas-smigħ ta' xhieda, filwaqt li l-persuna akkużata u l-avukat tagħha jkunu assenti. Huwa evidenti li dan id-difett proċedurali jista' jiġi rrimedjat biss jekk dawn ix-xhieda jissejħu mill-ġdid u jekk il-persuna akkużata u l-avukat tagħha jingħataw l-opportunità li jagħmlulhom mistoqsijiet.

23 Madankollu, id-dritt nazzjonali ma jipprevedi ebda dispożizzjoni espliċita dwar in-natura ta' dan is-smigħ ġdid tax-xhieda. Jew dan tal-aħħar ikun sempliċement ta' natura addizzjonali, u f'dan il-każ, id-dikjarazzjonijiet magħmula, waqt smigħ preċedenti fl-assenza tal-persuna akkużata u tal-avukat tagħha, mix-xhieda għall-mistoqsijiet tal-partijiet l-oħra jibqgħu validi, jew is-smigħ ġdid ikun jissostitwixxi lil dak preċedenti, li jkollu jitqies bħala null u nieqes minn valur legali.

F'każ bħal dan, il-partijiet li kienu preżenti waqt is-smigħ preċedenti jkunu meħtieġa jagħmlu mill-ġdid il-mistoqsijiet li huma kienu għamlu f'dik l-okkażjoni. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tindika li jeżistu elementi li jindikaw li smigħ addizzjonali jkun suffiċjenti sabiex jiġi rrimedjat il-ksur tar-regoli proċedurali inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

24 Skont il-qorti tar-rinviju, mis-sentenza tat-13 ta' Frar 2020, Spetsializirana prokuratura (Seduta fl-assenza tal-persuna akkużata) (C-688/18, EU:C:2020:94), jirriżulta li, meta l-persuna akkużata kienet assenti għal seduta, id-dritt tagħha li tkun preżenti personalment waqt il-proċess kontra tagħha, stabbilit fl-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2016/343, ma jinkisirx jekk l-atti mwettqa meta hija kienet assenti jiġu rrepetuti sussegwentement fil-preżenza tagħha. Madankollu, dik il-qorti tqis li l-portata ta' dan ir-rekwiżit ma tirriżultax b'mod ċar. B'mod iktar preċiż, hija tistaqsi jekk ikunx neċessarju li jiġi rrepetut is-smigħ ta' xhud fl-intier tiegħu, b'tali mod li, minn naħa, il-partijiet li kienu preżenti qabel u li kienu diġà għamlu l-mistoqsijiet tagħhom lix-xhud ikollhom jagħmlu mill-ġdid l-istess mistoqsijiet u, min-naħa l-oħra, il-persuna akkużata li qabel kienet assenti tagħmel il-mistoqsijiet tagħha, jew jekk ikunx biżżejjed li s-smigħ addizzjonali joffri sempliċement lill-persuna akkużata u lill-konsulent tagħha l-opportunità li jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom lix-xhud.

25 Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk, sa fejn, f'din il-kawża, is-seduti tat-30 ta' Novembru 2020 u tat-18 ta' Diċembru 2020 seħħew fl-assenza ta' VV, id-dritt ta' DD li jkun difiż minn avukat, stabbilit fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2013/48, inkisirx.

26 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-iSpetsializiran nakazatelen sad (il-Qorti Kriminali Speċjalizzata) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1. Id-dritt tal-akkużat li jkun fiżikament preżenti waqt il-proċess skont l-Artikolu 8(1), flimkien mal-Artikolu 10(1) u mal-premessa 44, tad-Direttiva [2016/343], ikun irrispettat jekk, waqt seduta separata, xhud ikun ġie interrogat fl-assenza tal-akkużat, iżda fejn l-akkużat kellu l-opportunità jinterroga lill-istess xhud fis-seduta sussegwenti u ddikjara li ma kellu ebda mistoqsijiet, jew huwa neċessarju, sabiex jiġi rrispettat id-dritt tal-akkużat li jkun fiżikament preżenti waqt il-proċess tiegħu, li jsir smigħ mill-ġdid inkluż ir-repetizzjoni tal-mistoqsijiet li saru mill-partijiet l-oħra li kienu preżenti fl-ewwel seduta?

2. Id-dritt ta' difiża minn avukat skont l-Artikolu 3(1), moqri flimkien mal-Artikolu 12(1), tad-Direttiva [2013/48], ikun irrispettat jekk, waqt żewġ seduti separati, żewġ xhieda jkunu ġew interrogati fl-assenza tal-avukat [tal-persuna akkużata], iżda dan l-avukat kellu l-possibbiltà jinterroga liż-żewġ xhieda f'seduta sussegwenti, jew huwa neċessarju, sabiex jiġi rrispettat id-dritt ta' difiża minn avukat, li dawn iż-żewġ smigħ inkwistjoni jinżammu mill-ġdid fl-intier tagħhom, inkluż ir-repetizzjoni tal-mistoqsijiet li saru mill-partijiet l-oħra li kienu preżenti fl-ewwel seduti u li, barra minn hekk, l-avukat li kien assenti fiż-żewġ seduti preċedenti jingħata l-possibbiltà li jagħmel il-mistoqsijiet tiegħu?"

27 Permezz ta' ittra tal-5 ta' Awwissu 2022, is-Sofiyski gradski sad (il-Qorti tal-Belt ta' Sofija, il-Bulgarija) informat lill-Qorti tal-Ġustizzja li, wara emenda leġiżlattiva li daħlet fis-seħħ fis-27 ta' Lulju 2022, l-iSpetsializiran nakazatelen sad (il-Qorti Kriminali Speċjalizzata) ġiet xolta u li xi wħud mill-kawżi kriminali mressqa quddiem din l-aħħar qorti, inkluża l-kawża prinċipali, ġew ittrasferiti minn din id-data lis-Sofiyski gradski sad (il-Qorti tal-Belt ta' Sofija).

## Fuq id-domandi preliminari

28 Permezz tad-domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2016/343 u l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2013/48 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li, meta, sabiex jiġi żgurat ir-rispett tad-dritt tal-persuna akkużata li tkun preżenti waqt il-proċess kontra tagħha u tad-dritt tagħha ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat, il-qorti nazzjonali tipproċedi bi smigħ addizzjonali ta' xhud tal-prosekuzzjoni, sa fejn, għal raġunijiet indipendenti mir-rieda tagħhom, il-persuna akkużata u l-avukat tagħha ma setgħux ikunu preżenti għas-smigħ preċedenti ta' dan ix-xhud, ikun biżżejjed li l-persuna akkużata u l-avukat tagħha jkunu jistgħu jeżaminaw liberament lil dan ix-xhud, jew jekk dan is-smigħ addizzjonali għandux ikun jikkonsisti f'repetizzjoni, fl-intier tiegħu, tas-smigħ preċedenti tal-istess xhud, fatt li jkollu bħala effett li jiġu invalidati l-atti proċedurali mwettqa waqtu.

29 Fl-ewwel lok, għandu jitfakkar li l-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2016/343 jipprevedi li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni ssuspettati u l-persuni akkużati jkollhom id-dritt li jkunu preżenti waqt il-proċess kontra tagħhom.

30 Skont il-premessa 47 ta' din id-direttiva, din tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rrikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (iktar 'il quddiem il-"KEDB"), inklużi d-dritt għal smigħ xieraq, il-preżunzjoni ta' innoċenza u d-drittijiet tad-difiża.

31 Hekk kif jirriżulta mill-premessa 33 ta' din id-direttiva, id-dritt tal-persuni ssuspettati jew tal-persuni akkużati li jkunu preżenti waqt il-proċess kontra tagħhom huwa bbażat fuq id-dritt għal smigħ xieraq, li huwa stabbilit fl-Artikolu 6 tal-KEDB, li għalih jikkorrispondu, hekk kif jippreċiżaw l-Ispjegazzjonijiet dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali (ĠU 2007, C 303, p. 17), it-tieni u t-tielet paragrafu tal-Artikolu 47, kif ukoll l-Artikolu 48 ta' din il-Karta. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiżgura li l-interpretazzjoni tagħha ta' dawn l-aħħar dispożizzjonijiet tkun tiżgura livell ta' protezzjoni li ma jkunx imur kontra dak iggarantit fl-Artikolu 6 tal-KEDB, hekk kif interpretat mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' Lulju 2019, Gambino u Hyka, C-38/18, EU:C:2019:628, punti 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

32 F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jirriżulta li ż-żamma ta' seduta pubblika tikkostitwixxi prinċipju fundamentali stabbilit fl-Artikolu 6 tal-KEDB. Dan il-prinċipju huwa ta' importanza partikolari fil-qasam kriminali, li l-proċedura tiegħu għandha, b'mod ġenerali, tipprevedi qorti tal-ewwel istanza, li tkun tissodisfa b'mod sħiħ ir-rekwiżiti tal-Artikolu 6 tal-KEDB, li quddiemha l-parti fil-kawża tkun tista' leġittimament teżiġi "li tinstema'" u tkun tista' tibbenefika, b'mod partikolari, mill-opportunità li tesponi oralment l-eċċezzjonijiet tad-difiża tagħha, li tisma' d-depożizzjonijiet tal-prosekuzzjoni kif ukoll li teżamina u tagħmel kontroeżami tax-xhieda (ara, f'dan is-sens, il-Qorti EDB, 23 ta' Novembru 2006, Jussila vs Il-Finlandja, CE:ECHR:2006:1123JUD007305301, punt 40, u l-Qorti EDB, 4 ta' Marzu 2008, Hüseyin Turan vs It-Turkija, CE:ECHR:2008:0304JUD001152902, punt 31).

33 Mill-ġurisprudenza ta' dik il-qorti tal-aħħar jirriżulta wkoll li l-Istati Kontraenti għandhom libertà kbira fl-għażla tal-mezzi adatti sabiex jippermettu lis-sistemi ġudizzjarji tagħhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 6 tal-KEDB fir-rigward tad-dritt tal-persuna akkużata li tipparteċipa fis-seduta, bil-kundizzjoni li l-mezzi proċedurali offruti mid-dritt u mill-prattika

interni għandhom ikunu effettivi jekk hija la tkun irrinunzjat milli tidher u milli tiddefendi ruħha u lanqas kellha l-intenzjoni li taħrab mill-ġustizzja (ara, f'dan is-sens, il-Qorti EDB, 1 ta' Marzu 2006, Sejdovic vs L-Italja, CE:ECHR:2006:0301JUD005658100, punt 83).

34 Fir-rigward, b'mod iktar partikolari, tad-dritt ta' konvokazzjoni u ta' eżami tax-xhieda, previst fl-Artikolu 6(3)(d) tal-KEDB, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem iddeċidiet li din id-dispożizzjoni tistabbilixxi l-prinċipju li, qabel ma akkużat ikun jista' jiġi ddikjarat ħati, l-elementi inkriminanti kollha għandhom bħala prinċipju jiġu prodotti quddiemu f'seduta pubblika, bil-għan ta' dibattitu kontradittorju. L-eċċezzjonijiet għal dan il-prinċipju jistgħu jiġu aċċettati biss bil-kundizzjoni li jiġu rrispettati d-drittijiet tad-difiża, fejn dawn jeżiġu, bħala regola ġenerali, li l-persuna akkużata tingħata opportunità adegwata u suffiċjenti sabiex tikkontesta x-xhieda kontriha u teżamina lill-awturi tagħha jew fil-mument tad-depożizzjoni tagħha, jew fi stadju sussegwenti (ara, f'dan is-sens, il-Qorti EDB, 15 ta' Diċembru 2011, Al-Khawadja u Tahery vs ir-Renju Unit, CE:ECHR:2011:1215JUD002676605, punt 118, kif ukoll il-Qorti EDB tat-23 ta' Marzu 2016, Blokhin vs Ir-Russja CE:ECHR:2016:0323JUD004715206, punt 200).

35 Fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza, għandu jiġi kkonstatat li, għalkemm l-eżami ta' xhud tal-prosekuzzjoni waqt seduta miżmuma fl-assenza tal-persuna akkużata għal raġunijiet indipendenti mir-rieda tagħha jikkostitwixxi ksur tad-dritt ta' din il-persuna li tkun preżenti waqt il-proċess kontra tagħha, stabbilit fl-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2016/343, din id-dispożizzjoni ma tipprekludix li dan il-ksur jiġi rrimedjat fi stadju sussegwenti tal-istess proċeduri. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li persuna li tkun kisbet ir-repetizzjoni, fil-preżenza tagħha, tal-atti mwettqa waqt is-seduti li hija ma setgħetx tidher fihom ma tistax titqies bħala li kienet assenti fil-proċess kontra tagħha (sentenza tat-13 ta' Frar 2020, Spetsializirana prokuratura (Seduta fl-assenza tal-persuna akkużata), C-688/18, EU:C:2020:94, punt 48),

36 Sabiex jiġi ggarantit ir-rispett tad-dritt għal smigħ xieraq u tad-drittijiet tad-difiża, ir-repetizzjoni tas-smigħ tax-xhud tal-prosekuzzjoni għandha madankollu ssir f'kundizzjonijiet li jagħtu lill-persuna akkużata possibbiltà adegwata li tikkontesta x-xhieda kontriha u li teżamina lill-awtur tagħha.

37 Għal dan il-għan, huwa suffiċjenti li jsir smigħ addizzjonali li matulu l-persuna akkużata jkollha l-opportunità teżamina liberament lix-xhud, mingħajr ma jkun neċessarju li jiġu rrepetut, fl-intier tiegħu, is-smigħ li sar fl-assenza tagħha, peress li l-invalidazzjoni tal-atti proċedurali mwettqa waqt dan is-smigħ ma tidhirx neċessarja fid-dawl tar-rekwiżiti li jinsabu fil-punt preċedenti.

38 Madankollu, huwa importanti li, qabel is-smigħ addizzjonali, il-persuna akkużata tingħata kopja tal-proċess verbal tas-smigħ tax-xhud tal-prosekuzzjoni li jkun sar fl-assenza tagħha Fil-fatt, huwa biss bil-kundizzjoni li jkollha għarfien tal-kontenut u tal-iżvolġiment tal-eżami tax-xhud waqt dan is-smigħ preċedenti li l-persuna akkużata tkun kompletament f'pożizzjoni li teżaminah, jekk ikun il-każ, abbażi tad-dikjarazzjonijiet magħmula waqt l-imsemmi smigħ.

39 F'dan il-każ, mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li, għal raġunijiet ta' saħħa, DD ma setax ikun preżenti waqt seduta li nżammet fit-18 ta' Diċembru 2020 u li matulha ġie eżaminat ix-xhud YAR. Madankollu, DD intbagħat kopja tal-proċess verbal ta' dan is-smigħ u, sussegwentement, kellu l-opportunità jeżamina liberament lil dan ix-xhud waqt seduta sussegwenti li nżammet fit-22 ta' Frar 2021. Konsegwentement, bla ħsara għall-verifiki tal-qorti tar-rinviju, għandu jiġi kkonstatat li b'hekk ġie rrimedjat il-ksur tad-dritt ta' DD li jkun preżenti waqt il-proċess kontra tiegħu, stabbilit fl-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2016/343.

40 Fit-tieni lok, għandu jitfakkar li l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2013/48 jistabbilixxi l-prinċipju fundamentali li skontu l-persuni ssuspettati u l-persuni akkużati għandhom id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat f'terminu u skont modalitajiet li jippermettulhom jeżerċitaw id-drittijiet ta' difiża tagħhom b'mod konkret u b'mod effettiv (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Marzu 2020, VW (Dritt ta' aċċess għal avukat fil-każ ta' nuqqas ta' dehra), C-659/18, EU:C:2020:201, punt 31).

41 Fir-rigward tal-miżuri ta' investigazzjoni jew ta' ġbir ta' provi li għalihom japplika dan id-dritt, l-Artikolu 3(3)(c) tad-Direttiva 2013/48 jipprevedi li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni ssuspettati jew il-persuni akkużati jkollhom dritt tal-inqas għall-preżenza tal-avukat tagħhom waqt is-sessjonijiet ta' identifikazzjoni tal-persuni ssuspettati, il-konfrontazzjonijiet u r-rikostruzzjonijiet tax-xena ta' reat kriminali.

42 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2013/48, din tiddefinixxi regoli minimi li jirrigwardaw, b'mod partikolari, id-dritt tal-persuni ssuspettati u tal-persuni akkużati li jkollhom aċċess għas-servizzi ta' avukat fil-proċeduri kriminali.

43 Il-premessa 54 ta' din id-direttiva tipprovdi li, peress li din tal-aħħar tistabbilixxi biss regoli minimi, l-Istati Membri jistgħu jestendu d-drittijiet iddefiniti fiha sabiex jiżguraw livell ogħla ta' protezzjoni.

44 Skont il-kliem stess tal-Artikolu 3(3)(c) tad-Direttiva 2013/48, l-Istati Membri jistgħu għalhekk jestendu d-dritt tal-persuni ssuspettati jew tal-persuni akkużati għall-preżenza tal-avukat tagħhom waqt il-miżuri ta' investigazzjoni jew il-miżuri ta' ġbir ta' provi elenkati f'din id-dispożizzjoni għal miżuri oħra, bħas-smigħ ta' xhud tal-prosekuzzjoni quddiem qorti kriminali.

45 Issa, f'tali ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li, fid-dawl tal-prinċipji fundamentali ta' smigħ xieraq li jirriżultaw mill-punti 35 sa 38 ta' din is-sentenza, l-eżerċizzju tad-drittijiet tad-difiża ta' persuna akkużata jkun jista' jitqies bħala konkret u effettiv meta, filwaqt li s-smigħ ta' xhud tal-prosekuzzjoni quddiem qorti kriminali jkun seħħ mingħajr il-preżenza tal-avukat tal-persuna akkużata għal raġunijiet indipendenti mir-rieda tiegħu, dan l-avukat kellu l-opportunità li jeżamina liberament lill-imsemmi xhud, abbażi tal-proċess verbal tas-smigħ li jkun sar fl-assenza tiegħu, waqt smigħ addizzjonali. Għalhekk ma huwiex neċessarju li jiġi rrepetut, fl-intier tiegħu, is-smigħ li jkun sar fl-assenza tiegħu.

46 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għad-domandi magħmula għandha tkun li l-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2016/343 u l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2013/48 għandhom jiġu interpretati fis-sens li, meta, sabiex jiġi żgurat ir-rispett tad-dritt tal-persuna akkużata li tkun preżenti waqt il-proċess kontra tagħha u tad-dritt tagħha ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat, il-qorti nazzjonali tipproċedi bi smigħ addizzjonali ta' xhud tal-prosekuzzjoni, sa fejn, għal raġunijiet indipendenti mir-rieda tagħhom, il-persuna akkużata u l-avukat tagħha ma setgħux ikunu preżenti għas-smigħ preċedenti ta' dan ix-xhud, ikun biżżejjed li l-persuna akkużata u l-avukat tagħha jkunu jistgħu jeżaminaw liberament lill-imsemmi xhud, sakemm, qabel dan is-smigħ addizzjonali, il-persuna akkużata u l-avukat tagħha jkunu ngħataw kopja tal-proċess verbal tas-smigħ preċedenti tal-imsemmi xhud. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jkunx neċessarju li jiġi rrepetut, fl-intier tiegħu, is-smigħ li jkun sar fl-assenza tal-persuna akkużata u tal-avukat tagħha billi jiġu invalidati l-atti proċedurali mwettqa waqtu.

**Fuq l-ispejjeż**

47 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 8(1) tad-Direttiva (UE) 2016/343 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali, u l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà,**

**għandhom jiġu interpretati fis-sens li:**

**meta, sabiex jiġi żgurat ir-rispett tad-dritt tal-persuna akkużata li tkun preżenti waqt il-proċess kontra tagħha u tad-dritt tagħha ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat, il-qorti nazzjonali tipproċedi bi smigħ addizzjonali ta' xhud tal-prosekuzzjoni, sa fejn, għal raġunijiet indipendenti mir-rieda tagħhom, il-persuna akkużata u l-avukat tagħha ma setgħux ikunu preżenti għas-smigħ preċedenti ta' dan ix-xhud, ikun biżżejjed li l-persuna akkużata u l-avukat tagħha jkunu jistgħu jeżaminaw liberament lill-imsemmi xhud, sakemm, qabel dan is-smigħ addizzjonali, il-persuna akkużata u l-avukat tagħha jkunu ngħataw kopja tal-proċess verbal tas-smigħ preċedenti tal-imsemmi xhud. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jkunx neċessarju li jiġi rrepetut, fl-intier tiegħu, is-smigħ li jkun sar fl-assenza tal-persuna akkużata u tal-avukat tagħha billi jiġu invalidati l-atti proċedurali mwettqa waqtu.**

Firem